Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru:- 26/2013AE

**Silvio Debono, Winston Azzopardi, Barry Doughty, Alex Vella, Tony Galea, Peter Bonnici, Edward Cassar, Ronald Mifsud, Luiggi Faut u Peter Bregman**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Ray Fenech**

L-Erbgha, 18 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fit-13 ta' Mejju 2014 ipprezentat l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti:

1. tirrevoka u thassar is-sentenza taghha moghtija fid-19 ta' Frar 2014 fl-ismijiet premessi u dan a tenur ta' l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. tordna r-ritrattazzjoni ta' din l-istess kawza u dana ai termini ta' l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Rat it-twegiba tar-ritrattat Ronald Mifsud li biha oppona tali talba[1].

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-21 ta' Mejju 2014 li bih il-gudikant li ddecieda dan l-appell astjena milli jisma' l-kaz[2].

Rat illi r-rikors tal-Awtorita' gie eventwalment assenjat lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi fis-7 ta' Lulju 2015 l-Awtorita' ntavolat rikors ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza tad-19 ta' Frar 2014 fil-pendenza tal-ezitu tal-proceduri ghal ritrattazzjoni[3]. B'digriet datat 15 ta' Lulju 2015, din il-Qorti varjat digriet precedenti taghha dwar ir-rikors tat-8 ta' Lulju 2015 fis-sens illi billi rrizulta li l-proceduri kienu diga' gew appuntati biex jinstemghu, ordnat li

[1] Fol 29
[2] Fol 8
[3] Fol 22 et seq

s-smiegh tar-rikors ta' ritrattazzjoni u tar-rikors ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza jsir kontestwalment[4].

Rat illi waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2015[5] dehru d-difensuri tal-partijiet u Ronald Mifsud u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti li minnhom jirrizulta li:-

i. Silvio Debono, Ronald Mifsud u ohrajn appellaw minn decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp tat-30 t'Ottubru 2008 quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar in konessjoni ma' applikazzjoni ta' Ray Fenech PA 2108/08: *'to approve amended plans to PA 2650/04 with same building envelope, heights, site coverage and conditions of the original permit. The total number of units has increased to 72 from 52 and the number of garages has increased to 146 from 104 without altering the building envelope and floor space';*

ii. Fil-15 ta' Marzu 2013 it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar iddecieda hekk:

"*Waqt li dan it-Tribunal mhux qed jilqa dan l-appell, jaqbel mal-appellant li l-permess PA 3540/00 u l-para 17.2.14 ma' jaqblux meta il-presuppost huwa li l-policy NWML 13 kellu jsegwi il-permess PA 3540/00. Ghalhekk it-Tribunal jordna li l-para 17.2.14. ghandu jigi modifikat biex tigi eliminata kull ambigwita' u bhala parti minn dan l-ezercizzju l-Awtorita' ghandha tiddetermina b' mod finali l-areas li japplikaw ghal-kull fazi u n-numru finali ta' residenzi li jirrizultaw issa li jezisti land survey affidabbli.*

*It-Tribunal ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-appell u jikkonferma l-permess Outline Development Permit – PA 2108/08 , " To approve amended plans to PA 2650/04 with same building envelope, heights, site coverage and conditions of the original permit. The total number of units has increased to 72 from 52 and the number of garages has increased to 146 from 104 without altering the building envelope and floorspace", fil-waqt li jordna lill-Awtorita' biex tememda ilpara 17.2.14 tan-North West Local Plan kif spjegat hawn fuq."*

iii. Ronald Mifsud appella u b'sentenza tad-19 ta' Frar 2014 din il-qorti ddecidiet:

*"Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' Ronald Mifsud in linea ma' dak deciz, u thassar u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-15 ta' Marzu 2013, u tirrinvija l-atti quddiem it-Tribunal biex jerga' jisma' l-appell. Spejjez ghall-Awtorita'."*

---

[4] Fol 28
[5] Fol 35

Il-Qorti tibda billi tissottolinea 'l fatt li l-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed ta' natura straordinarja u d-dispozizzjonijiet li jirregolawh huma ghalhekk suggetti ghal interpretazzjoni restrittiva, kif ritenut anke mill-gurisprudenza. Fil-kaz fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited noe vs Ryanair Limited** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Mejju 2015[6] intqal hekk:-

*"Jinhass utili illi qabel ma l-Qorti tikkoncentra fuq il-motivi invokati ghar-ritrattazzjoni illi tissottolinea dan il-principju fundamentali li jirregola l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-istitut tar-ritrattazzjoni:-*

*'Il rimedio della ritrattazione e' ammesso soltanto nei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita` del giudicato che sola puo` mettere fine alle lite'.*[7]

*Dan ghaliex "r-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lummeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut, bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza, u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza*[8]*".*

Stabbiliti dawn il-principji generali l-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li a bazi tieghu l-Awtorita' ritrattandi qeghda titlob ir-ritrattazzjoni:

***"811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
*……*

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;*

*għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;"*

Fl-ewwel lok il-Qorti tikkunsidra li l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghandha titqies bhala parti li ghandha nteress tressaq talba *a tenur* tal-artikolu 811 tal-Kap 12 ghax hija kienet intimata fil-proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar u ghalhekk l-ezitu tal-

[6] Rik 897/09.
[7] Giuseppe Luigi Bonnici – vs- Dottor Carlo Galea Naudi, Appell Civili, 3 ta' April 1922.
[8] Rev. Sacerdot Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquilina", Appell Civili, 18 ta' April 1958.

proceduri in kwistjoni huwa ta' nteress ghaliha daqs kemm hu ghall-partijiet l-ohra fil-kawza. Ghalhekk l-eccezzjoni li Ronald Mifsud ippropona fir-risposta tieghu[9] ghar-rikors ta' ritrattazzjoni huwa ghaldaqstant nfondat.

It-talba ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kap 12 necessarjament timplika applikazzjoni ta' ligi hazina, cjoe' l-applikazzjoni ta' provvediment tal-ligi flok dak li kellu jigi applikat. M'hemmx dritt ghal ritrattazzjoni minn interpretazzjoni ta' ligi, anke jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija. Dan ifisser li biex ikun hemm motiv ghal ritrattazzjoni a bazi ta' dan l-artikolu, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz u mhux li applikat il-ligi t-tajba, fil-fehma tar-rikorrent, b'mod hazin.

L-Artikolu 816 tal-Kap. 12 ikompli hekk:-

*" …u meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur għandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata".*

Kif diga' qalet din il-Qorti stess f'sentenza ricenti taghha fl-**ismijiet l-Avukat Dr Francis Lanfranco et vs Tonio Caruana noe** deciza fit-22 ta' Frar 2016[10]:

*Minn dan il-provvediment m'hemmx dubju li ritrattazzjoni ta' kawza skont l-Artikolu 811(e) tista' ssehh **biss** fejn qorti tibbaza d-decizjoni fuq provvediment ta' ligi minflok iehor li kellu japplika ghal fatti kif stabbiliti fis-sentenza….. Fis-sentenza **William Portelli vs Paul Portelli et**[11], il-Qorti tal-Appell qalet:*

*"Din id-dispozizzjoni partikolari giet interpretata fis-sens illi jinkombi fuq ir-ritrattand illi jindika kemm dik id-dispozizzjoni tal-ligi illi skont huwa tkun giet applikata fis-sentenza li taghha qed jitlob ir-ritratazzjoni kif ukoll id-dispozizzjoni l-ohra li kienet korrettement taghmel ghall-kaz in ezami. Huwa kwazi superfluwu illi jigu elenkati is-sentenzi numeruzi illi jirribadixxu illi jekk ir-ritrattand jonqos milli josserva dan id-dettam tal-ligi, it-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni taqa' hesrem minghajr ebda htiega illi l-Qorti tindaga ulterjorment jekk effettivament jissussistix l-izball tal-ligi illi fuqu hija msejsa it-talba ghar-ritrattazzjoni ('**Vincenzo Borg vs Giuseppe Giordmaina**' – Appell 19 ta' Jannar 1996; '**Maria Concetta Vella vs Federico Galea noe**' – Appell 20 ta' Novembru 1998; '**Fedele Dalli vs Coronato Sare**'– Appell 26 ta' Ottubru 1994; '**Charles Caruana vs Giuseppe Gauci et**'– Appell 3 ta' Lulju 1995; '**Joseph Borg vs Carmela armla ta' Joseph Muscat et**'– Appell 30 ta' Marzu 2001). Fid-dawl ta' dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi u tal-pronunzjamenti tal-Qrati taghna, it-tezi tal-attur tirrizulta totalment u strettament skoretta".*

[9] Fol 32.
[10] Rik 86/07.
[11] 16 ta' Dicembru 2015.

Ragunament li japplika wkoll ghall-kaz in ezami. Fir-rikors ta' ritrattazzjoni tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma jissemma ebda provvediment tal-ligi li kellu jigi applikat minflok dak li effettivament gie applikat. Anzi huwa evidenti li s-sustanza tal-ilment tal-Awtorita' huwa bbazat fuq l-applikazzjoni tal-istess artikolu tal-ligi u cioe' l-artikolu 41(6) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta) fis-sens illi fil-fehma tal-Awtorita', din il-qorti ssostitwiet id-diskrezzjoni taghha ghal dik tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar meta ddeterminat punt allegatament tekniku dwar konsiderazzjonijiet tal-ippjanar minflok iddecidiet biss fuq punt ta' ligi. F'dan ir-rigward fir-rikors promotur l-Awtorita argumentat: *".....l-interpretazzjoni tal-policies tal-ippjanar hija kwistjoni prettament ta' planning u ai termini tal-Artikolu 41(6) tal-Kap. 504 tezorbita mill-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti."* L-Awtorita' ssostni wkoll li l-Qorti tal-Appell *"forniet interpretazzjoni (skorretta) tal-policy NWML 13 tan-North West Local Plan u ssostitwiet, b'din l-interpretazzjoni taghha, l-interpretazzjoni tal-imsemmija policy moghtija mit-Tribunal, bil-konsegwenza illi spiccat tibbaza l-gudizzju taghha fuq applikazzjoni ghal kollox zbaljata tal-istess policy[12]."*

Fis-sentenza tad-19 ta' Frar 2014 din il-qorti qalet:-

***"Din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellati, tqis din il-kwistjoni fil-principju li fuqu qed isir l-appell bhala punt ta' dritt li jrid jigi ezaminat.***

*L-appellati jikkontendu illi hawn si tratta ta' nterpretazzjoni ta' policy u apprezzament ta' fatti u punti teknici li fuqhom il-Qorti ma ghandhiex tikkometti ruhha.*

*Qari dettaljata tal-process u principalment tal-ewwel aggravju tal-appellant juri illi l-vertenza tmur lil hin minn interpretazzjoni ta' policy u l-fatti li jduru maghha izda hi aktar dwar il-poter jew diskrezzjoni tat-Tribunal dwar kif u sa fejn ghandha tigi applikata policy, anki jekk ghal grazzja tal-argument tikkontjeni punt ta' fatt zbaljati fil-fehma tat-Tribunal u jekk it-Tribunal jistax jaqsam policy f'kompartamenti fejn partijiet huma applikazzjoni ta' regoli u principji u ohrajn semplicement enuncjazzjoni generic u illustrative biss"* (pagna 22 tas-sentenza).

Hu ghalhekk evidenti li din il-qorti qieset li l-ewwel aggravju tal-appellant Ronald Mifsud fl-appell numru: 26/2013 kien fuq punt ta' dritt u ghalhekk kellu dritt jappella mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kien floku. Ghalkemm l-Awtorita ma taqbilx li l-appell kien fuq punt ta' dritt, gialadarba l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tad-19 ta' Frar 2014 ddecidiet mod iehor, dik id-decizjoni m'hijiex sindakabbli f'proceduri ta' ritrattazzjoni. Dan m'huwiex kaz fejn il-Qorti tal-Appell tkun ibbazat id-decizjoni fuq provvediment ta' ligi minflok iehor li kellu japplika ghal fatti kif

[12] L-ahhar paragrafu tar-rikors ghal ritrattazzjoni a fol 4.

stabbiliti fis-sentenza. Hu biss f'dak il-kaz li tista' tintalab ritrattazzjoni *ai termini* ta' paragrafu (e) tal-Artikolu 811.

Dan ifisser li l-ilment bazat fuq l-Artikolu 811(e) ma jistax jirnexxi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**

Anthony Ellul.